MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Numru. 517/2006

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT NORBERT CIAPPARA**

**KONTRA**

**STEPHEN CALI ta’ 55 sena, iben il-mejjet Aldo u Yvonne nee’ Scerri, imwieled Tal-Pieta’ nhar id-19 ta’ Settembru, 1957, residenti fil-fond numru 60, Old College Street, Sliema, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 637257M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Stephen Cali** li gie akkuzat talli:

1. Fis-sajf tas-sena 2002 sa Settembru 2002, ikkoltiva l-pjanta cannabis, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fis-17 ta’ Lulju, 2003, u matul is-sena ta’ qabel, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew biccha minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fis-17 ta’ Lulju, 2003, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati taghhom.

Rat il-provi kollha migjuba.

Rat il-Kontro Ordni ta’ l-Avukat Generali (folio 121).

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi xehed l-Ispettur Norbert Ciappara dwar l-investigazzjoni li wasslet biex jigi nvestigat l-imputat; u li wara li nghata d-debita twissija, huwa kien irrilaxxa stqarrija ezebita minnu bhala Dok SC a folio 14. Din, skond kif xehed l-istess Spettur (dak iz-zmien) giet hekk rilaxxata wara li l-imputat gie moghti d-debita twissija skond il-Ligi.

Issa din il-Qorti, qabel ma tirriproduci l-istess, ser taghmel referenza ghall-insenjament stabbilit mill-Qorti Kostituzzjonali taghna fil-kawza fl-ismijiet “Charles Steven Muscat vs Avukat Generali” tat-8 ta’ Ottubru, 2012; “Repubblika ta’ Malta vs Alfred Camilleri” tat-12 ta’ Novembru, 2012; u “Jovica Kolakovic vs Avukat Generali” tat-12 ta’ Novembru, 2012.

Ghalhekk il-Qorti, fid-decizjoni ta’ Muscat (ibid) qalet:
“*Ghalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropea, joholqu l-htiega ta’ parir legali biex l-interrogat jaghzel iwegibx jew jibqax sieket, ma jezistux fi-kaz tal-lum, ghax, ghalkemm l-attur ma setax jaghzel illi jkellem avukat qabel ma jwiegeb, seta’ liberalment u bla konsegwenzi ta’ xejn jaghzel li ma jwegibx. Kien ikun mod iehor li kieku l-Ligi kienet tippermetti li ssir xi inferenza mis-skiet.*”

Fil-kawza Kostituzzjonali gia’ msemmija ta’ Kolakovic, il-Qorti ziedet is-segwenti konsiderazzjoniji:
“*Also, from the evidence produced, it appears clear that the statements released by applicant are not the only elements of proof brought by the police.*”

Fil-kawza ta’ Camilleri, inghad dan:
“*Ghalkemm fiz-zmien tal-kaz tal-lum, l-appellant ma setax jaghzel li jkellem avukat qabel ma jwiegeb, ma kinx liberu li jaghzel illi ma jwegibx id-domandi li saru mill-pulizija qabel u waqt it-tfittxija mill-pulizija……….ghaliex ma nghatax it-twissija. Din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li kien hemm ksur tal-jedd tal-appellant ghal smiegh xieraq.*”

Issa fil-kuntest ta’ dan kollu, l-Ispettur Ciappara xehed illi Cali’ nghata twissija li seta’ ma jwegibx ukoll ghal din l-istqarrija, folio 12. Qal ukoll illi lilu kien irrizultalu li Cali’ kien qieghed ikabbar il-haxixa ghall-uzu personali tieghu.

Tenut kont ta’ dak premess mill-Qrati taghna, u li rrizulta li Cali’ nghata t-twissija li seta’ ma jwegibx, ser isir allura ezami ta’ dak li hu ghazel illi jwiegeb fl-istqarrija. Dwar l-armi misjuba ghandu, qal illi dawn kienu fil-pussess tieghu biex wiehed jizbghu u l-iehor inehhilu s-sadit. Dwar il-cannabis, qal illi din kien xtraha minghand wiehed Gharbi. Dwar il-weraq tal-cannabis qal illi dawn kienu kibru miz-zerriegha tac-chip monks, ma kinx jaf il-pjanta li kibret kinitx qanneb jew haxixa. Zied pero li kien isaqqi din il-pjanta u meta kibret circa tliet piedi kien qataghha u nixxifha.

PS 1086 Johann Micallef xehed illi fil-fatt l-Ispettur Ciappara fil-konfront ta’ l-istqarrija kien ta t-twissija lil

Cali’. Dwar it-tfittxija zied illi mir-residenza ta’ Cali’ gew elevati weraq suspettati haxixa, raza cannabis u zewg snieter – wahda Fabarn u l-ohra Luigi Franchi.

Minn naha tieghu PC 1213 Axisa xehed illi waqt it-tfittxija li kienet qed issir fir-residenza ta’ l-imputat, hu kien sab raza suspettata cannabis, qal illi kien l-istess Cali li kien tahom il-haxixa.

Illi l-esperti nominati dwar id-droga u l-armi, irrelataw dawr l-inkarigu taghhom. Ghalhekk, fil-konfront tas-sustanza misjuba, l-espert Godwin Sammut ikkonkluda hekk:

*a. “Illi fl-estratti mehuda mis-sustanza kannella li hemm fid-dokument 03BTW201 f’ammont nett totali ta’ 22 grammi, instabet fihom is-sustanza Tetrahyrocannabinol. Il-purita’ tad-droga kienet ta’ circa 28%. Is-susstanza Tetrahydrocannabinol hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

*b. Illi fl-estratti mehuda mis-sustanza kannella li hemm fid-dokument 03BTW202 f’ammont nett totali ta’ 20 grammi, instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-purita’ tad-droga kienet ta’ circa 28%. Is-sustanza Tetrahydrocannabinol hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

*c. Illi mis-swabs mehuda mis-sikkina li hemm fid-dokument 03BTW202 ma nstabux tracci tas-sustanza Tetrahydrocannabinol;*

*d. Illi fl-estratti mehuda mill-kontinenti tas-sigarett li hemm fid-dokument 03BTW203 instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Is-sustanza Tetrahydrocannabinol hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

*e. Illi nstabu tracci tas-sustanza Tetrahydrocannabinol fl-estratti li gew mehuda mill-weraq ta’ lewn hadrani*

*f'ammont nett totali ta' 23 grammi, li hemm fid-dokument 03BTW204, instabu fuqhom it-trichomes (ara Appendici I, ritratt R5). It-trichomes huma fattizzi li jkollhom fuqhom il-weraq tal-pjanti tal-cannabis."*

Dwar il-valur qal illi d-droga misjuba ghand Cali kellha l-ammont ta' Lm140.00 (Dok G).

Minn naha taghhom l-esperti ballistici kkonkludew li z-zewg snieter maqbuda kienu t-tnejn jiffunzjonaw tajjeb (folio 70).

Xehed ukoll certu Nicholas Caruana li qal illi l-arma Fabarn kienet registrata fuqu u li kien halliha d-dar ta' Steve Cali' ghax kien qieghed jizboghha. Qal illi lil Cali' kien ilu jafu diversi snin u kien gieli ghamillu manutenzjoni fuq l-armi.

Semghet ukoll f'dan ir-rigward ix-xhieda ta' l-Ispettur Ciappara li ezebixxa dokumenti li juru li l-arma misjuba Luigi Franchi tghajjat lil Marcus John Scicluna; mentri l-Fabarn – l-arma l-ohra misjuba, tghajjat lil Nicholas Caruana, Dok NC, folio 97 – 99.

Ikkunsidrat:

Illi in vista' tat-trattazzjoni tad-Difiza, din il-Qorti ser taghmel ukoll referenza ghal decizjoni ohra ta' indolu Kostituzzjonali, fl-ismijiet "Adrian Marmara; Eugenio Camenzuli vs Avukat Generali", deciza mill-Prim Awla, Qorti Civili.

Hawn il-Qorti qalet dwar l-ilment li l-Ligi nostrana m'ghandha ebda applikazzjoni ta' kultivar ghall-uzu personali, allura ghandu japplika l-principju "*nulli puona sine legge*." Illi kull ma dawn l-Artikoli qed jistabilixxu hu li l-Ligi qed tekwipara t-"traffikar" mal-"kultivar" u dan, bl-iskop preciz illi taghlaq kwalunkwe possibbilta' li l-agent attiv involut jahrab mill-effetti tal-Ligi in dezamina billi jgib bhala difiza l-allegazzjoni li dak li jkun qed jikkoltiva jkun ghall-uzu esklussiv tieghu (pagna 7). Ghandu jinghad illi

hawn il-Qorti kienet qed titkellem dwar il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi tenut dan kollu premess, din il-Qorti tqis illi certament moghti d-debita caution, u dak li rrizulta mill-istqarrija ta’ l-imputat, issib illi Stephen Cali’ hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll l-Artikoli 3, 9 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll dwar il-piena l-Artikolu 22(1)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta

Tikkundanna lil Stephen Cali ghal piena karcerarja ta’ sentejn(2), u ghal multa komplessiva ta’ €2,500.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €378.58.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------